FGURA

Minuti tal-laqgħa numru disgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.32pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi-Sindku**: | Is-Sur A.Degiovanni - 6.45pm |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S.Camilleri<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur C.Bonello – 6.35pm |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 13 ta' Jannar 2010** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Jannar 2010.

1.02 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Is-Sur B Camilleri ressaq korrispondenza li kienet intbagħtet mis-Sinjorina L Aquilina, li kienet qed tikkoordina l-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Wara li saret diskussjoni dwar il-proposti li saru, kien hemm qbil li jintalbu sabiex jippreżentaw pjan ta' ħidma. Sadanittant il-Kunsill kellu jitlob aktar informazzjoni dwar il-membri tal-istess Kunsill.

Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra – 6.35pm.

2.02 Is-Sindku nforma li l-korrispondenza l-oħra mmarkata kellha tittieħed bħala moqrija.

## 3.0 Approvazzjoni Purchase Request Forms

3.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'A', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2617/10/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2617/10/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 4.0 Approvazzjoni Ħlasijiet

4.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'B', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2618/10/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2618/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 5.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.01 Is-Sindku għamel referenza għal tabelli sabiex il-parkeġġ isir bis-'silencer' il-barra li kien hemm fi Triq L Sant. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li jsiru tabelli simili fil-parti l-oħra tal-istess triq.

Il-Viċi-Sindku daħal fil-kamra – 6.45pm.

5.02 Is-Sur C Bonello tkellem dwar skema li kienet qed tiġi proposta mill-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni. Wara li saret diskussjoni, is-Sur B Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2619/10/6 " Sabiex dan il-Kunsill jalloka s-somma ta' mhux aktar min 1800 euros, u jesplora l-possibilta li jinstalla Free Wifi fil-Fgura, f'post/postijiet li jiġu deċiżi aktar tard". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2619/10/6 kienet approvata nem con.

5.03 Is-Sindku għamel referenza għall-istat tal-ispralli li kien hemm fi Triq Ħompesch u Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Wara li saret

diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2620/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jirranġa l-ispralli ta' mad-dawra tar-roundabout f'Ħompesch Rd quddiem HSBC, bi spiża ta' mhux aktar minn €4,000". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2620/10/6 kienet approvata nem con.

5.04 Is-Sindku għamel referenza għal template Sustainable Energy Action Plan li kien intbagħat mill-A.K.L. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2621/10/6 "Sabiex tinħareġ offerta għal SEAP fuq id-dokument mibgħut mill-Assoċjazzjoni". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2621/10/6 kienet approvata nem con.

5.05 Is-Sindku nforma li huwa ma' setgħax jattendi għall-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindku u għalhekk kien ser jgħaddi d-dritt tal-vot lill-Viċi-Sindku. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2622/10/6 "Sabiex il-Viċi Sindku jattendi għal-laqgħa tas-Sindki bi spiża ta' mhux aktar minn €100". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Sur A Debono

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2622/10/6 kienet approvata bi tmien voti favur u vot wieħed kontra.

5.06 Is-Sindku nforma dwar talba li kellu l-Kunsill għal twaqqif ta' posta sabiex jinbiegħu fjuri għal jumejn bejn it-13 u 14 ta' Frar 2010. Ma kienx hemm oġġezzjoni li jinħareġ dan il-permess.

5.07 Is-Sindku nforma dwar talba li kellu l-Kunsill dwar l-użu tal-clubhouse għal 'live-in' min-naħa tal-girl guides. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan.

Is-Sur S Camilleri ħalla l-kamra – 6.56pm.

5.08 Is-Sindku ppropona li jsir tibdil fil-waiting area tal-Kunsill. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li din il-materja tkun riferuta lis-sotto-kumitat li twaqqaf fir-rigward tat-titjib tal-Uffiċini.

5.09 Is-Sindku għamel referenza għal diversi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira li jiġu organiżżati fil-lokal. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2623/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill joħroġ 6,000 leaflet bil-kulur li tindika fejn ikunu armati l-wirjiet u attivitajiet relatati mal-Ġimgħa l-Kbira fil-Fgura bil-possibilita ta' reklam. Għandu jinħareġ reklam fil-Gażżetta biex min jarma u jixtieq li l-Wirja /Attivita tiegħu tkun inkluża, javża lill-Kunsill. L-ispiża m'għandhiex taqbeż is-€600

bit-tqassim inkluż. Kull min ikun f'dan il-fuljett jintrabat li jqassam il-leaflets mil-lok tiegħu". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2623/10/6 kienet approvata nem con.

5.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-vann tal-Kunsill jingħata service. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2624/10/6 "Sabiex isir service tal-vann tal-Kunsill bi spiża ta' mhux aktar minn €300". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2624/10/6 kienet approvata nem con.

5.11 F'dan l-istadju, il-Viċi-Sindku staqsa dwar il-mistoqsijiet li kien għamel lis-Segretarju qabel il-laqgħa. Is-Sindku nfurmah li r-risposta kienet ser tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Saret diskussjoni dwar il-proċedura adottata mill-Kunsill vis-a-vis il-liġi li tirregola l-operat tal-Kunsillli Lokali.

## 6.0 Baġit 2009-2010

6.01 Wara li saret diskussjoni fuq id-dokument ippreżentat , is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2625/10/6 "Sabiex il-Kunsill japprova l-budget anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2625/10/6 kienet approvata nem con.

## 7.0 Rapporti finanzjarji ta' kull kwart – Settembru u Diċembru 2009

7.1 Wara li saret diskussjoni fuq id-dokumenti ppreżentati, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2626/10/6 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2626/10/6 kienet approvata nem con.

## 8.0 Rapport amministrattiv u finanzjarju sal-aħħar ta' Diċembru 2009

8.1 Saret diskussjoni fuq ir-rapport amministrattiv u finanzjarju ppreżentat. Il- Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi ma' kenitx inkluża fir- rapport ippreżentat. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2627/10/6 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport amministrattiv u Finanzjarju anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2627/10/6 kienet approvata nem con.

## 9.0 Risposta ittra dwar il-ġestjoni sal-aħħar ta' Marzu 2009

9.1 Wara li saret diskussjoni fuq ir-risposta ppreżentata, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2628/10/6 "Sabiex tiġi approvata r-risposta ittra dwar il-ġestjoni sa l-aħħar ta' Marzu 2009, anness". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2628/10/6 kienet approvata nem con.

## 10.0 Laqgħa tal-Lokalita'

10.1 Wara li saret diskussjoni fuq il-minuti ppreżentati, is-Sindku ressaq dawn l-istess minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar il-5 ta' Frar 2010 kienu approvati nem con.

10.2 Saret diskussjoni dwar materja li ħarġet mill-interventi tal-pubbliku.

10.3 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2629/10/6 "Sabiex jinħatar sotto-kumitat dwar il-ħtieġa ta' nvestiment fil-qasam soċjali fil-Fgura minn: Rita Cutajar, Sindku, V/Sindku, Charles Bonello, Matthew Vella". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2629/10/6 kienet approvata nem con.

10.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2630/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jalloka s-somma ta' €500 biex jingħata s-servizz ta' Pulizija (extra) biex jissorvelja l-iktar dawn iż-żoni għall-perjodu ta' 3 ġimgħat:- 1) Mahatma Gandhi c/w St Tumas 2) Triq Karmnu c/w Dejma 3) Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa u Triq is-Sur ma Vjal Kottoner 4) Triq Cospicua 5) Triq Hompesch u Zabbar 6) Mater Boni Consilli bejn St Tumas u Sejba Punika. Il-Kunsill għandu jingħata rapport bil-miktub mal-Invoice. Is-servizz għandu jkun kif ġej:- 1) L-ewwel 3 ijiem konsekuttivi jingħataw twissija 2) 3 ijiem konsekuttivi infurzar 3) il-bqija tal-perjodu jsir infurzar bil-ġranet jolternaw". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2630/10/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur B Camilleri, is-Sur A Debono u s-Sur P Dalli ħarġu mill-kamra fit-8.25pm u daħlu ftit wara.

10.5 Is-Sur C Bonello għamel referenza għall-informazzjoni li ngħatat mis-Sindku waqt il-laqgħa tal-lokalita' fir-rigward tal-għażla tal-postijiet fejn isir tisbiħ mill-ELC. Saret diskussjoni.

## 11.0 Baġit 2010

11.1 Saret diskussjoni fuq id-dokument ippreżentat. Is-Segretarju ta dettalji dwar il-materja li kienet ġiet inkluża fid-dokument kif ukoll materja oħra li l-Kunsill kellu jiddeċiedi dwarha. Saret diskussjoni fuq il-proġett tal-Uffiċċju Amministrattiv. Kien hemm qbil li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ikun diskuss il-kunċett tal-'one stop shop' bħala parti minn dan il- proġett. Wara li tkompliet id-diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2631/10/6 "Sabiex jiġi approvat il-Budget 2010 anness b'dawn it-tibdiliet: Skema 09/2010 – Triq Bormla u Triq Karmnu E80k ; Vjal Kottoner – traffic islands + Roundabout E20k ; EU Projects – Skemi ta' Progetti – EU E20k". Din kienet sekondata

mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2631/10/6 kienet approvata nem con.

## 12.0 Pjan ta' Ħidma 2010-2013

12.1 Wara li saret diskussjoni fuq il-Pjan ta' Ħidma kif diġa' approvat mill-Kunsill, filwaqt li saret referenza għall-liġi li tirregola l-operat tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2632/10/6 "Li dan il-Kunsill jikkonferma l-Pjan ta' Ħidma 2010-2013 għal din is-sena, li diġa preżentat". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2632/10/6 kienet approvata nem con.

## 13.0 Rapport Interim Operations Review

13.1 Wara li bdiet id-diskussjoni fuq ir-rapport li kien tqassam qabel il-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-13 ta' Jannar 2010, kien hemm qbil li din il-materja tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss li kellha ssir fi żmien ħmistax. Dan sabiex issir diskussjoni fuq punt 14 tal-aġenda, minħabba skadenzi ta' memos, qabel jgħaddi l-ħin stipulat għall-laqgħat tal-Kunsill.

## 14.0 Memos Dipartiment tal-Gvern Lokali

14.1 Is-Sur C Bonello ressaq rapport dwar siti storiċi sabiex jiġu restawrati marbut ma Memo 21/2010. Wara li saret diskussjoni, is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2633/10/6 "Mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-rapport anness u jiġi inkluż miegħu ir-Restawr tan-Niċċa f'Daħlet in-Niċċa l-Antika b'valur (stima) ta' €2,000". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2633/10/6 kienet approvata nem con.

14.2 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2634/10/6 "Biex toħroġ sejħa għall-offerti sabiex issir Asfaltar u bankini fi Triq Niġem Triq Skola skond estimate annessi". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Il-mozzjoni ref: 2634/10/6 kienet approvata nem con.

14.3 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2635/10/6 "Sabiex il-Perit jintgħalab jgħati stimi għall-xogħol ta' bankini u asfalt fi: Triq Bormla Triq Karmnu (Asfalt)". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2635/10/6 kienet approvata nem con.

14.4 Is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2636/10/6 "Sabiex il-Kunsill japplika għall-fondi permezz tal-iskema ta Restawr ta Siti Storiċi – Memo 21/2010 nru għall-provista ta' Rapport Professjonali sabiex issir manutenzjoni, restawr u kummissjonar tax-xelter ta' Triq Hompesch". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2636/10/6 kienet approvata nem con.

Il-laqgħa waqfet fid-9.32pm u kienet aġġornata għas-17 ta’ Frar 2010 fis-6.30pm

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju |